MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 202/1995/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Frar 1995 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi minhabba adulterju, sevizzi, eccessi theddid, swat u ngurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-mandanti ta' l-attur u z-zewg uliedha minuri, il-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli;

Illi l-mandanti ta' l-attur kienet giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet moghti mis-Sekond'

Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Settembru 1994 (Digriet Numru 879/94) (Dok "B");

Illi mill-imsemmi zwieg, twieldu zewgt itfal li ghadhom minorenni, u cjoe' B ta' erbatax-il sena (14) u B ta' tnax-il sena (12);

Illi l-konvenut ma huwa qed jghaddi ebda manteniment lill-mandanti ta' l-attur sija ghaliha u sija ghal uliedha minuri;

Illi l-mandanti ta' l-attur trid ukoll li l-komunjoni ta' l-akkwisti tigi xjolta u likwidata;

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija mputabbli unikament lill-konvenut;

2. Tafda f'idejn l-attur nomine l-kura u kustodja taz-zewg ulied minuri B u B;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur nomine manteniment xieraq skond il-ligi bil-modalita' ta' jum, hin u lok li jigu wkoll iffissati;

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f'zewg porzjonijiet b'mod li jigu applikati kontra l-konvenut id-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 (1) (c) tal-Kodici Civili**;

5. Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti d-dispozizzjonijiet l-ohra ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 190/95, tal-mandat ta' qbid kawtelatorju 189/95 SF u tal-mandat ta' deskrizzjoni prezentat fis-27 ta' Jannar 1995 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 16 tal-process;

Rat ir-rikors tat-13 ta’ Frar 1995 ta’ Dr. Albert Libreri, prokuratur ta’ l-imsiefra attrici A mart B, fejn talab li jigi nominat bhala kuratur *ad litem* ta’ l-ulied B u B ahwa B, fl-atti ta’ din il-kawza u fl-atti l-ohra relattivi u sussegwenti.

Rat id-digriet tal-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Geatano ta’ l-4 t’Awissu 1995 fejn laqghet l-istess talba u fejn l-istess Qorti tat direttivi opportuni sabiex l-Assistent Gudizzjarju jaghmel minnu dak ordnat fl-istess digriet a bazi ta’ l-**artikolu 173 tal-Kap 12**.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut tat-28 t’Awissu 1995 a fol. 22 u 23 fejn gie ecceppixxa:-

1. Illi preliminarjament jigi rilevat illi l-esponent bl-ebda mod ma xtaq jissepara minn martu u ghadu lest u dispost li jilqaghha f’daru u pprezenta ittra ufficjali fejn interpella lil martu tirritorna lura.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost jekk din il-Qorti tippronunzja separazzjoni personali din ghandha taghmel hekk billi timputa htijiet solament lil martu billi din qabdet u abbandunat l-esponent u marret tghix fl-esteru b’uliedu u l-esponent ilu ma jara l-istess aktar minn sena.

3. Illi mart l-esponent meta siefret hadet il-flus kollha li kellhom il-kontedenti, ossia sebat elef lira Maltin (Lm7,000), liema ammont ghandu jigi kunsidrat meta ssir likwidazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti.

4. Illi senz’altru l-eccipjent jitlob li l-kura u l-kustodja tat-tfal tigi fdata f’idu.

5. Illi finalment jigi rilevat li l-allegazzjonijiet maghmula fil-konfront teighu huma nveritieri kif ser jigi rilevat waqt it-trattazzjoni ta’ din il-kawza.

6. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 23 u 24 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut tat-konvenut datata 28 ta' Settembru 1995 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat in-nota ta' l-attur et noe datata 2 t'Ottubru 1995 fejn iddikjara li bi hsiebu jaghmel il-kontro-ezami tax-xhieda tal-konvenut B a tenur ta' l-**Att XVIII tal-1984.**

Rat il-verbal quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Gaetano tal-15 ta' Novembru 1995 fejn Dr. Albert Libreri nforma lill-Qorti li f'diversi okkazjonijiet kemm ilu jippatrocina lill-mandanti tieghu Carmela B gie mhedded verbalment, fejn anke sofra xi ticritiet fit-*tyres* tal-karozza tieghu, u ghaldaqstant talab il-protezzjoni tal-Qorti. Inghata digriet fejn l-attrici nghatat terminu sa l-ahhar ta' Jannar 1996 u l-konvenut sa l-ahhar ta' Frar ta' l-istess sena, sabiex it-tnejn iressqu l-provi kollha taghhom permezz tal-procedura ta' l-affidavit.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-24 ta' Novembru 1995 fejn talab li jkun jista' jtella' bhala xhud lil certu Emanuel Aquilina, persuna li ilu jaf lill-kontendenti ghal aktar minn ghoxrin sena. Il-konvenut informa lill-Qorti li ma setax iharrek qabel lill-istess xhud peress li dan ghadu kemm gie mill-Awstralja fejn kien jghix.

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine tal-5 ta' Dicembru 1995, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-18 ta' Dicembru 1995 fejn laqghet it-talba, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tat-18 ta' Dicembru 1995 ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta fejn laqghet it-talba salv dejjem dak li gie provdut fid-digriet tal-15 ta' Novembru 1995.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-11 ta' Jannar 1996 fejn talab li tinzamm seduta quddiem Assistent Gudizzjarju sabiex tinstema' x-xhieda ta' Manager tal-Mid-Med Bank rigwardanti l-finanzi tieghu u ta' martu.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tas-16 ta' Jannar 1996 fejn laqghat it-talba u nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju ghal dan l-iskop.

Rat in-nota ta' l-atturi tat-18 ta' Jannar 1996 li permezz taghha esebew l-affidavits ta' hu l-konvenut Anthony B, u tal-genituri tieghu Teresa u George B.

Rat in-noti tal-konvenut ipprezentati fit-30 ta' Jannar 1996 fejn b'wahda esebixxa l-affidavit tieghu stess, u bl-ohra esebixxa l-affidavit ta' Emanuel Aquilina kollox a fol. 56 tal-process.

Rat in-nota ta' l-attur *et noe* tat-8 ta' Frar 1996 fejn iddikjara li bi hsiebu jaghmel il-kontro-ezami tax-xhieda tal-konvenut B u ta' Emanuel Aquilina.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent de Gaetano tat-18 ta' Marzu 1996 fejn il-Qorti giet infurmata li l-Assistent Gudizzjarju ezawrixxa l-inkarigu lilu moghti; tas-6 ta' Gunju 1996 rega' gie nominat Dr. Kenneth Gulia bl-inkarigu ta' Assistent Gudizzjarju sabiex jigbor il-provi fuq il-konsistenza ta' l-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti; tat-22 ta' Novembru 1996 fejn xehdu Dottor Marthese Sciortino wara li giet ezentata mis-sigriet professjonali, u PS 196 Alfred Cristina prodotti mill-attrici; tal-20 ta' Frar 1997; tal-11 t'April 1997; tat-30 ta' Gunju 1997; tal-10 t'Ottubru 1997 fejn Dr. Albert Libreri talab il-protezzjoni tal-Qorti wara li l-klijenta tieghu li toqghod l-Awstralja nfurmatu li l-konvenut baghtilha ittra ta' twissija biex toqghod attenta ghal Dr. Libreri peress li kien imbrolja diversi klijenti ohra fil-passat; tat-13 ta' Frar 1998; tal-5 ta' Gunju 1998; tal-1 t'Ottubru 1998; tas-6 ta' Novembru 1998; tal-11 ta' Jannar 1999; tad-29 t'April 1999; tas-17 ta' Gunju 1999; tat-12 ta' Novembru 1999; tat-18 ta' Frar 2000; tat-12 ta' Mejju 2000; tat-22 ta' Settembru 2000; tas-17 ta' Novembru 2000; tad-19 ta' Jannar 2001; tal-20 ta' Marzu 2001; tat-28 ta' Mejju 2001; tas-7 ta' Settembru 2001; tal-31 t'Ottubru 2001; u tal-14 ta' Dicembru 2001.

Rat is-seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia datati 16 ta’ Frar 1996 fejn xehed Joseph Camilleri; tat-30 ta’ Settembru 1996; tat-18 ta’ Ottubru 1996; tat-30 ta’ Ottubru 1996; tas-6 ta’ Novembru 1996; tas-26 ta’ Novembru 1996 (gew esebiti xi dokumenti); tat-23 ta’ Jannar 1997; tat-22 ta’ Settembru 1997; tat-13 ta’ Marzu 1998; tas-27 ta’ Mejju 1998; tat-18 ta’ Gunju 1998; tat-30 ta’ Novembru 1998; tal-15 ta’ Dicembru 1998; tal-1 ta’ Frar 1999; tat-22 ta’ Settembru 2000; tal-20 ta’ Ottubru 2000; tal-4 ta’ Dicembru 2000; tad-19 ta’ Jannar 2001; tal-1 ta’ Marzu 2001; tat-30 ta’ April 2001; tas-6 ta’ Lulju 2001; tal-11 ta’ Ottubru 2001; tad-9 ta’ Novembru 2001 fejn ma’ nstemghet l-ebda xhieda; tat-18 ta’ Frar 2002 fejn Dr. Albert Libreri ddikjara li m’ghandux izjed provi; tat-3 ta’ Marzu 1997 fejn xehdet Rose Buttigieg; tal-11 ta’ Gunju 1997 fejn xehed Dr. John Mifsud; tal-14 ta’ Lulju 1997 fejn xehed PC 830 Christopher Debono; tal-15 ta’ Novembru 2000 fejn xehdet Dr. Marthese Sciortino; tat-2 ta’ Novembru 2001 fejn xehdu Edward Duncan u Brian Farrugia u B in kontro-ezami; tat-23 ta’ Novembru 2001 fejn xehed il-konvenut in kontro-ezami u Edward Duncan; tal-5 ta’ Dicembru 2001 fejn xehdet l-Ispettur Sharon Spiteri u Marthese Cauchi; u tas-26 ta’ Marzu 2002 fejn xehed il-konvenut u fejn il-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx provi izjed, izda talbu n-nomina ta’ esperti teknici ghall-stimi relattivi.

Rat l-affidavit ta’ l-attrici datat 6 ta’ Lulju 1994 a fol. 84 tal-process;

Rat ix-xhieda ta’ Dr. Marthese Sciortino u PS 196 Alfred Cristina datati 22 ta’ Novembru 1996.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Albert Libreri tal-5 ta’ Frar 2002 fejn talab differiment *stante* li ser ikun okkupat f’guri.

Rat il-verbali tas-7 ta’ Frar 2002 fejn laqghat it-talba fir-rikors ta’ Dr. Libreri; u tat-22 t’April 2002.

Rat ir-rikors konguntiv tal-partijiet tas-26 t’April 2002 fejn talbu lill-Qorti sabiex wara l-qbil milhuq fl-ahhar seduta quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, jigu

nominati zewg periti teknici, cjoe' l-Perit Arkitett David Pace (biex jaghmel stima tal-valur fis-suq tad-dar matrimonjali “Seven” Odilone Caruana Street, Tarxien) u tas-Sur Alfred Camenzuli (sabiex jaghmel stima ta' l-ghamara u effetti mobbli li hemm fl-istess dar matrimonjali, u z-zewg karozzi – Peugeot 605 SRDT, numru TFA - 259 intestata f'isem B, u – Peugeot 205, numru K 2533 intestata f'isem Carmela B). Il-partijiet qablu wkoll li l-ispejjez ta' dawn iz-zewg perizji jinqasmu bin-nofs bejniethom.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti kif diversament presjeduta tad-29 t'April 2002 fejn laqghet t-talba.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-22 ta' Lulju 2002.

Rat id-Digriet ta' din il-Qorti diversament presjeduta mis-Sinjorija Tieghu l-Prim' Imhallef Vincent de Gaetano tal-1 ta' Novembru 2002 fejn ordna li din il-kawza hekk differita ghall-5 ta' Frar 2003 tibqa' tinstema' minn din il-Qorti kif llum attwalment presjeduta.

Rat il-verbali ta' din il-Qorti kif attwalment presjeduta datati 5 ta' Frar 2003; tal-4 ta' Marzu 2003; u tat-13 ta' Mejju 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut tal-5 ta' Gunju 2003 fejn talab li jigi ordnat li l-ammont ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u sebgha u disghin centezmu (Lm255.97) dovut minnu ghal nofs il-hlas tar-rapporti teknici jigi rilaxxat mill-flus sekwestrati taht dawk il-provvedimenti li l-Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta ta' l-attur nomine tat-3 ta' Lulju 2003, u d-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-4 ta' Lulju 2003 fejn invista ta' l-oppozizzjoni cahdet it-talba u anzi ordnat li l-hlas ghandu jsir mill-aktar fis.

Rat il-verbal tal-11 ta' Gunju 2003; u tat-18 ta' Novembru 2003.

Rat ir-rikors tal-konvenut tad-9 ta’ Jannar 2004 fejn wara li nforma lill-Qorti fuq ic-cirkostanzi finanzjarji difficli tieghu, rega’ talab li l-Qorti tordna r-rilaxx ta’ l-ammont dovut ghall-hlas tal-perit tekniku mill-flus sekwestrati.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Jannar 2004.

Rat in-nota ta’ l-attur *nomine* datata 16 ta’ Jannar 2004 li biha pprezenta kopja ta’ zewg ittri mibghuta lill-periti teknici biex juri li d-drittijiet dovuti mill-attur nomine thallsu fl-intier taghhom.

Rat il-verbali tal-25 ta’ Frar 2004; tal-25 ta’ Marzu 2004 fejn il-Periti Teknici David Pace u Alfred Camenzuli halfu r-rapporti taghhom rispettivament. Il-Qorti nnotat li r-rikors tad-9 ta’ Jannar 2004 gie sorvolat *stante* li l-attur hallas l-ispejjez kollha taz-zewg rapporti. Dr. Libreri ppropona li jiehu kumpens ta’ hamsin elf lira Maltin (Lm50,000) u l-komunjoni tibqa’ f’idejn il-konvenut. Il-Qorti stiednet lill-partijiet sabiex sad-differiment li jmiss jelenkaw il-pretensjonijiet taghhom; tas-17 ta’ Gunju 2004 fejn il-Qorti pprefiggiet terminu ta’ sittin gurnata lill-attrici sabiex tipprezenta nota t’osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu l-istess terminu ghal nota responsiva. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-24 ta' Frar 2005 ghas-sentenza.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenut datata 23 ta’ Settembru 2004.

Rat ir-rapporti tal-Periti Teknici David P. Pace u Alfred P. Camenzuli, il-verbali tas-seduti mizmuma minnhom u mill-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia, inkluz ix-xhieda kollha quddiemhom prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi l-partijiet izzewgu fil-11 ta' Dicembru 1976 f'New South Wales, l-Awstralja, u kellhom zewgt itfal li llum huma maggorenni. Illi mis-sena 1985 il-konvenut waqaf jahdem u beda jircevi pensjoni ta' dizabbilta' u f'Mejju 1993 gew Malta u xtraw fond

Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti tikkonsisti f'dar 7, Triq Odilone Hat Tarxien, u zewg karozzi Peugeot 605 u Peugeot 205. F'Gunju 1994 l-attrici telqet minn Malta ghax kif tghid hi giet kostretta taghmel dan minhabba l-agir tal-konvenut lejha u lejn uliedu. Min-naha tieghu l-konvenut jghid li ma jafx ghaliex l-istess attrici telqitu, anzi jghid li huwa dejjem ried li terga' tigi lura. Huwa jsostni li din il-firda personali sehhet ghaliex l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali minghajr kawza gusta.

Illi din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, inkluzi x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda minnhom prodotti. Ghalkemm it-tezi tal-konvenut hija li assolutament ma jafx ghaliex l-attrici kienet abbandunat id-dar konjugali bit-tfal b'kollox, fejn anke gab familjari tieghu li xehdu li kienu donnhom skantati u sorprizi li saru jafu li l-attrici telqet lill-konvenut, ghaliex skond huma ma kienx hemm fuq x'hiex, din il-Qorti thoss li x-xhieda tal-konvenut u l-verzjoni tieghu la huma kredibbli u lanqas verosimili. Anzi jirrizulta lill-Qorti li kien hemm raguni valida ghaliex l-istess attrici telqet mid-dar konjugali.

Illi barra minn dan jirrizulta li l-konvenut kien hati verso l-attrici u wliedha ta' diversi atti ta' vjolenza domestika kemm meta l-istess koppja kienet barra minn Malta u kemm hawn Malta. Jirrizulta wkoll li l-istess konvenut hedded diversi drabi lill-attrici u lil uliedu, ngurja lill-attrici u anke li kkommetta diversi atti ta' adulterju kemm meta kien barra minn Malta u kemm meta kien hawn Malta, ma' certu Marthese Cauchi, li min-naha taghha ammetiet tali relazzjoni, minkejja li l-konvenut cahad dan. Jidher li l-attrici, minkejja l-problemi kollha li kienet qed tiffaccja ma' zewgha kienet issubiet dan kollu, izda meta rat u semghet minghand bintha bl-allegat abbuz fil-konfront taghhom, hija ma kienitx lesta li tissagrifika l-interessi ta' wliedha u

kien ghalhekk li habta u sabta telqet minn Malta, raguni li din il-Qorti thoss li kienet altru minn gustifikabbli. Hawn il-Qorti tirreferi ghall-affidavit ta' l-istess attrici.

Illi fil-fatt jirrizulta lill-Qorti mix-xhieda ta' l-Ispettur Sharon Spiteri, u anke mill-i*statement* li l-istess konvenut irrilaxxa lill-pulizija, li l-konvenut kien abbusiv fil-konfront ta' wliedu li kienu minuri. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan jirrizulta anke jekk wiehed jaqra b'attenzjoni l-istess dikjarazzjoni li l-konvenut innifsu ta lill-pulizija fl-14 ta' Gunju 1994 u li tinsab esebita bhala Dok. "ALZZ" a fol. 191 sa fol. 194 tal-process. Kien hemm apparti dan ix-xhieda ta' Dr. Marthese Sciortino, PS 196 Alfred Debattista, u P.C. 830 Christopher Debono. Fuq kollox din il-Qorti thoss li l-istqarrija tal-konvenut turi b'mod mill-aktar lampanti li l-hu kien abbusiv fil-konfront ta' wliedu, anke jekk huwa jaghti bir-ruhu li kien innocenti – u din il-Qorti thoss li l-attrici ffaccjata ghal darba ohra b'dan kollu wara dak li kienet gja' ghaddiet minnu, fil-verita' hija ma kellhiex triq ohra hlief li tipproteggi lilha nfisha u lil uliedha.

Illi ghalhekk fid-dawl tal-premess l-ewwel talba attrici ghandha tigi ghalhekk milqugha, b'dan pero' li ghandu jinghad ukoll li wara li l-attrici telqet lejn l-Awstralja hija wkoll kellha maz-zmien relazzjoni ma' persuna ohra.

Illi dwar it-tieni talba din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-istess peress li l-minuri saru llum maggorenni.

Illi din il-Qorti tichad din it-talba *stante* li ma jirrizultax li l-konvenut jahdem bi qliegh, u fit-tieni lok jirrizulta li waqt li l-attrici kienet fl-Awstralja hija bdiet relazzjoni ma' terza persuna anke wara li skond il-ligijiet ta' dak il-pajjiz ottjeniet id-divorzju.

Illi dwar ir-raba' talba l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi ddikjarata xolta b'effett minn Gunju 1994, u li tikkonsisti fil-fond "Seven", Odilone Caruana Street, Tarxien, il-karozza Peugeot 605 – Reg. No. Z – 3966 u l-karozza tal-marka Peugeot 205 – Reg. No. 2533, illum Reg. No. JAD - 68. Barra minn dan jirrizulta li l-attrici

qabel ma telqet minn Malta rtirat is-somma ta’ sebat elef lira Maltin (Lm7,000) fl-10 ta’ Gunju 1994 u wkoll hemm kont bankarju fl-ammont ta’ tliet mija u hames mitt lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm305.96) f’HSBC plc. – Savings Account 134355670.

Illi din il-Qorti in via ta’ likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta’ l-akkwisti tordna li l-oggetti kollha formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet, konsistenti fil-fond “Seven”, Odilone Caruana Street, Tarxien, kif stmat mill-Perit David Pace fl-ammont ta’ tmienja u sebghin elf lira Maltin (Lm78,000), u l-ghamara kollha elenkata fir-rapport ta’ Alfred P. Camenzuli a fol. 274 u 275 tal-process, flimkien mal-karozza tal-marka Peugeot 205 - Reg. No. 2533 illum Reg. No. JAD – 468, u l-vettura Peugeot 605 – Reg. No. TFA – 259 li ghandhom jinbieghu in subbasta. Mill-istess rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi fic-cirkostanzi kollha tal-kaz taqbel li Illum ghandhom jigu applikati kontra z-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, **taqta u tiddeciedi, billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici *stante* li llum ulied il-kontendenti huma maggorenni, tichad it-tielet talba attrici *stante* li llum l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha ta’ manteniment, u tilqa’ t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn premess,** b’dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet fuq imsemmija mputabbli unikament lill-konvenut, u dan konsistenti f’eccessi, sevizzi, inkluza vjolenza domestika u abbuz fuq il-minuri, mohqrija, theddid u ngurji gravi u adulterju, li rrendew il-hajja bejn il-konjugi impossibbli, tant li l-istess

attrici anke biex tipprotegi lill-minuri kienet kostretta titlaq mid-dar konjugali. Illi jinghad li wara li marret l-Awstralja l-attrici min-naha taghha kkomettiet anke adulterju, u ghalhekk il-hajja flimkien bejn il-partijiet saret ukoll minhabba f'hekk impossibbli.

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din it-talba *stante* li l-ulied huma llum maggorenni.

3. Tichad din it-talba u dan ghaliex il-partijiet it-tnejn ddekadew minn kull dritt ta' manteniment verso l-parti l-ohra u gew applikati kontra kull parti d-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 48 tal-Kap 16**.

4. Tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan b'effett minn Gunju 1994 u per via ta' likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tordna li l-oggetti kollha formanti l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, konsistenti fil-fond "Seven", Odilone Caruana Street, Tarxien, u l-ghamara kollha elenkata fir-rapport ta' Alfred P. Camenzuli a fol. 274 u 275 tal-process flimkien mal-karozza tal-marka Peugeot 205 - Reg. No. 2533 illum Reg. No. JAD – 468, u l-vettura l-karozza Peugeot 605 – Reg. No. TFA – 259 ghandhom jinbieghu in subbasta u l-istess rikavat ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

5. Tapplika kontra z-zewg partijiet id-dispozizzjonijiet l-ohra ta' l-**artikolu 48 tal-Kodici Civili**.

Bl-ispejjez kollha jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi b'dan ukoll li peress li din il-Qorti thoss li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri bla bzonn, u abbuzaw bil-proceduri quddiem din il-Qorti, inkluz il-fatt li l-istess partijiet damu b'mod esegerat sabiex ghalqu l-provi taghhom, u dan huwa rifless kemm mill-pika esegerata bejniethom waqt l-istadju kollu tal-kawza, u anke minhabba li naqsu li jressqu l-provi taghhom fil-hin u kif dirett lilhom mill-Qorti, tant li fil-fatt saru diversi seduti wkoll ghalxejn mill-Assistent Gudizzjarju. Illi wkoll li konsegwentement din il-kawza ilha pendenti 'l fuq minn

disa’ (9) snin, u ghaldaqstant din il-Qorti b’applikazzjoni tal-**paragrafu 10 ta’ l-Iskeda “A” tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta** tordna li l-attrici assenti thallas is-somma ta’ hames mitt lira Maltin (Lm500), u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta’ mitejn u hamsin lira Maltin (Lm250) bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru fi zmien tletin (30) gurnata mid-data ta’ din is-sentenza

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------